MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 2379/2003/1

**Cavendish Hotels Limited**

**vs**

**Jesmond Beck**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta’ Marzu 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta’ Novembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta’ seba’ mija u tlieta u sittin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm763.64), u fejn intqal:

Illi l-konvenut telaq mill-impieg tieghu mas-socjeta` attrici qabel iz-zmien specifikat fil-kuntratt ta' servizz definit tieghu (Dok.A).
Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta' seba' mija tlieta u sittin lira Maltija erbgha u sittin centezmu (Lm763.64) rapprezentanti ammont ekwivalenti ghal nofs il-paga illi s-socjeta` attrici kien ikollha thallas lill-konvenut kieku huwa baqa' fis-servizz tas-socjeta` attrici ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem fil-kuntratt ta' servizz tieghu li gie ffirmat fit-28 ta' Ottubru, 2002 u li jiskadi fil-31 ta' Ottubru, 2003.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tad-29 ta' Settembru, 2003 u tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Ottubru, 2003, Dok.B u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-6 ta' Frar, 2004, fejn intqal:
Illi l-konvenut qieghed jikkontesta it-talbiet tas-socjeta` attrici stante illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi l-konvenut temm l-impieg tieghu taht kuntratt ta' xoghol ghal zmien definit minn mas-socjeta` attrici ghall-raguni valida fil-ligi u dana kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.
Illi ghaldaqstant il-konvenut ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici.
Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semgha x-xhieda ta' Aaron Vella, Gillian Micallef, Charles Micallef, Aldo Azzopardi, Lee Patrick Frazer, Mark Scerri u Jesmond Beck. Ra l-affidavit ta' Charles Micallef. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:
1. Is-socjeta' attrici qed titlob hlas rigwardanti n-notice period peress illi l-konvenut allegatament telaq mill-impjieg qabel iz-zmien imsemmi fil-kuntratt ta' servizz.
2. Il-konvenut ighid li temm l-impjieg tieghu minhabba raguni valida.

3. Jirrizulta li skond ftehim datat 28 ta’ Ottubru, 2002 Dok A il-konvenut kien gie mpjegat mas-socjeta’ attrici ghal zmien definit, cioe’ mill-1 ta’ Novembru, 2002 sal-31 ta’ Ottubru, 2003. Huwa gie mpjegat fil-kwalita’ ta’ Rooms Division Manager. Kienet intbaghtet ittra Dok CM 1 fit-30 ta’ Settembru, 2002 tikkonfermalu li gie maghzul.

4. Il-kwalsola 11 tal-imsemmi ftehim tistipola s-segwenti: « if the company terminates the employee without justified reason as listed in paragraph 9 of this contract, the company will pay the employee the remainder of the contract term in full. If the employee terminates his/her position without a written agreement from the company or her representative, the employee is bound to pay the employer 50% of the remainder of the value of this contract. »

5. Gillian Micallef segretarja tal-Group General Manager ta’ Cavendish Hotels tikkonferma li l-konvenut kien cempel fil-11 ta’ Awissu 2003 u qal li kien ser jirrezenja. L-ghada kien mar u staqsiha jhallix l-ingravata fuq id-desk, u hi qaltlu biex jaghmel hekk u biex jaghti r-rezenja tieghu bil-miktub. Hi qalet ukoll li l-konvenut ried ikellem lil Charles Micallef il-Group General Manager tas-socjeta’ attrici, pero’ dan ma kienx fl-ufficcju dak il-hin. Is-socjeta’ attrici kienet sussegwentement kitbitlu, pero’ l-ittra qatt ma ttiehdet mill-konvenut kif jirrizulta mid-Dok CM 3 esebit.

6. Aaron Vella, Duty Manager mas-socjeta’ attrici jikkonferma li rcieva t-telefonata minghand il-konvenut fil-11 ta’ Awissu, 2003, fejn qallu li ser jirrezenja. Fil-fatt tnizzlet nota f’dan is-sens fil-handover book.

7. Sija Gillian Micallef u Aaron Vella jghidu li l-konvenut ried jirrezenja peress li kien qed jallega li nsteraqlu l-mobile phone tieghu mill-ufficju. Charles Micallef ukoll jikkonferma dan u jzid ighid dan li l-konvenut kien mar jilmenta mieghu dwar dan il-fatt u dana fil-11 ta’ Awissu, 2003. L-istess Micallef ighid li offra li jixtrilu mobile phone iehor. It-Tribunal ma jqisx illi hija kredibbli din il-versjoni li qieghed jaghti Charles Micallef, in kwantu din tikkuntrasta ma’ dak illi kiteb l-istess Micallef lill-konvenut fit-13 ta’ Awissu, 2003 fejn allegatament il-konvenut kien kellem lil Micallef fit-12 ta’ Awissu 2003. Mill-istess ittra Dok CM 2

jirrizulta illi kien Aaron Vella li nforma dwar l-ilment tal-konvenut.

8. It-Tribunal iqis illi tassew din ma kienetx ir-raguni l-ghala l-konvenut telaq minn mas-socjeta' attrici. Fil-fatt jirrizulta illi nqala' ncident meta kienet marret persuna fil-lukanda u din il-persuna li kellu lment serju x'jaghmel fil-konfront ta' Charles Micallef, kien sab lill-konvenut u beda jghajjat mieghu.

9. Jigi rilevat inoltre illi mix-xhieda mismugha jirrizulta illi Charles Micallef kellu agir mill-anqas desiderabbli fil-konfront ta' l-impjegati tieghu. Hekk f'dan is-sens li Patrick Fraser ighid « ….. he came to me in the reception area which was full of people and he shouted at me that i was on my way out. The language which he used was very coarse. This was quite a regular thing which went on with all the employees. » L-istess xhud jiftakar l-incident meta persuna kien avvicina lill-konvenut u ried joqtlu peress li haseb li kien Charles Micallef, u dana allegatament dwar kaz ta' sexual harassment.

10. Fl-istess sens Aldo Azzopardi li kien jahdem mas-socjeta' attrici jiddeskrivi l-atteggjament ta' Charles Micallef ma' l-impjegati bhala salvagg, fis-sens illi jghajjat u joffendihom quddiem kulhadd.

11. Jirrizulta anke mix-xhieda ta' l-istess Aldo Azzopardi li l-konvenut kien jaghmel xoghol iehor minbarra dak ta' rooms division manager, u dana kien jinkludi xoghol ta' duty manager, night manager kif ukoll jiehu hsieb il-maintenance u r-restaurant meta hemm bzonn. Hu minnu illi l-istess Azzopardi kien ircieva diversi twissijiet dwar ix-xoghol tieghu u dawn kienu jkunu rilevanti li kieku x-xhieda ta' Azzopardi fil-konfront ta' l-agir ta' Micallef hija izolata, li ma hux il-kaz. L-agir deplorevoli ta' Charles Micallef jinsab ribadit mix-xhieda mismugha. Fil-fatt anke Mark Scerri jiddeskrivieh bhala bniedem aggressiv.

12. Ra l-verbal tat-13 ta' Jannar, 2005 li fih il-partijiet iddikjaraw li mhux kontestat illi l-konvenut ilu taht kura ta' tabib ghal perijodu ghal dawn l-ahhar hames xhur qabel it-terminazzjoni tal-impieg u li meta dahal fl-impieg ma kellux din il-kundizzjoni ghalkemm kellu din il-kundizzjoni precedentement.

13. Tenut kont ta' dawn il-fatti jirrizulta illi l-konvenut kellu ragun illi jitlaq u ma kellu ebda dritt l-attur jagixxi kif

fil-fatt agixxa fil-konfront tal-konvenut. It-Tribunal jasal biex jikkonkludi illi l-konvenut fil-fatt gie sfurzat li jitlaq, mhux biss minhabba s-sitwazzjoni medika tieghu, fatt mhux kontestat, izda partikolarment l-atteggjament fil-konfront tieghu da parti ta' min kien qed jimpjegah. Jirrizulta in oltre illi l-konvenut kien qed jaghmel xoghol ferm aktar minn dak stipulat fil-ftehim Dok A.
14. Dwar il-fatt illi l-konvenut ma tax ir-rezenja tieghu bil-miktub, it-Tribunal jinnota illi meta tnizzel fil-hand over book li l-konvenut kien qed jirrezenja, dana kien sufficjenti daqs li kieku l-istess konvenut ta r-rezenja tieghu bil-miktub.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici."

Mill-inkartament tal-kawza jidher li l-kwestjoni involuta hi wahda ta' fatt u tiddependi minn ezami tax-xhieda u tal-kuntratt tas-servizz intercedut bejn il-kontendenti. S' intendi, salvi wkoll ir-riljievi legali li jridu jsiru fir-rigward. Kif johrog car mis-sentenza appena riportata, it-Tribunal, fuq il-valutazzjoni tieghu tal-fatti, sab li ma kellux jakkolji d-domanda tas-socjeta` attrici tendenti ghall hlas ta' nofs is-salarju ghaz-zmien espress ta' mpjieg li kien ghad baqa' wara li l-konvenut iddemetta u abbanduna s-servizz. Kontra din is-sentenza issa s-socjeta` attrici tobbjetta b' dawn l-aggravji, kif minnha stess rijassunti:-

(1) It-Tribunal strah fuq ix-xhieda ta' tliet ex-impjegati, anke jekk din l-istess xhieda taghhom kienet ikkontestata u kontradittorja;

(2) Anke kieku l-fatti kienu kif deskretti mill-konvenut u mix-xhieda, dan ma kienx jintitola imbaghad lill-konvenut bhala "*senior manager*" li jaqbad u jabbanduna l-impjieg;

(3) It-Tribunal kien skorrett fejn iddecieda li nota fil-"*hand over book*" kienet sufficcjenti ghall-finijiet ta' avviz ta' rizenja bil-miktub;

Ghal dawk li huma l-fatti jidher li dawn huma sew riprodotti fis-sentenza appellata u mhux il-lok allura li jigu replikati. Bazikament, il-fatt principali huwa dan. Il-konvenut kien, in virtu ta' kuntratt ta' servizz (fol. 2), impjegat bhala "Rooms Division Manager" ghal perjodu determinat ta' sena li kien jiskadi fil-31 ta' Ottubru 2003. Huwa rrezenja mill-impjieg fil-11 ta' Awissu 2003 u b' dan gharraf lid-Duty Manager tal-kumpanija attrici permezz ta' telefonata. Is-socjeta` attrici ppretendiet li ghandha tezercita` l-jeddijiet taghha, kuntrattwali (klawsola 11) u legali [Artikolu 36 (12), Kapitolu 452), di fronte ghall-konvenut, u dan, minn naha tieghu, irrezista din il-pretensjoni billi vvanta li kien hemm dik "ir-raguni tajba u bizzejjed" li jsemmi s-subinciz (14) ta' l-Artikolu 36 biex hu jitlaq mis-servizz. Jigi ghalhekk li l-kwezit centrali huwa jekk f' dan il-kaz kienx hemm dimissjoni ingustifikata *ante tempus* mill-konvenut, kif qed tippredenti s-socjeta` attrici, jew, kif kontez mill-konvenut, raguni valida u sufficcjenti ghal din l-istess dimissjoni;

Dan premess, ma jistax ikun qatt dubitat illi d-dimissjoni unilaterali da parte ta' mpjegat tirrapprezenta dik il-manifestazzjoni ta' volonta ri-entranti fl-ezercizzju tad-dritt potestativ, dwar liema, min ihaddem, irid jissubixxi l-effetti taghha bl-estinzjoni tar-rapport kontrattwali. Konsimili ghal kaz ta' licenzjament, ir-rizenja volontarja mis-servizz, u allura r-recess mill-kuntratt ta' impjieg, huma marbuta mal-principju tal-kawza gusta, a sensu ta' l-Artikolu 36 ta' l-Att XXII ta' l-2002. Naturalment din il-kawza gusta jew raguni tajba trid tigi rigorozament pruvata minn min jadduciha bhala liberazzjoni mill-konsegwenzi li ssemmi l-ligi; f' dan il-kaz, il-konvenut-impjegat. Naturalment ukoll, l-accertament relattiv hu affidavit lill-gudikant u dan ghandu jinvestiga u jevalwa jekk l-addebitu ventilat mill-konvenut ghandux verament riskontru fir-realta` jew huwiex semplici pretest biex il-konvenut jehles mill-obbligu kuntrattwali u legali li jhallas lil min ihaddmu "somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem" [Artikolu 36 (12) ta' l-Att

imsemmi]. Logikament, jekk l-apprezzament tat-Tribunal tal-fatti hu korrett, sew motivat u bazat fuq dik l-ekwita` li jsemmi l-Artikolu 7 ta' l-Att V ta' l-1995, mhux il-kaz li dan jigi censurat minn din il-Qorti ta' revizjoni;

Jidher li kemm id-dottrina legali kif ukoll il-gurisprudenza jirritjenu li l-koncett tar-"raguni tajba u bizzejjed", mhux definit mil-ligi, hu ravvizat f' dawk il-fatti u mgieba tali li jgibu t-tnaqqis ta' dik il-fiducja, hekk kostitwenti l-presuppost essenzjali tar-rapport principal - impjegat. Oltre l-inadempjenza kuntrattwali *per se*, fir-"raguni tajba" jirrientraw fatti kemm soggettivi kif ukoll objettivi. Kull valutazzjoni dwarhom trid issir b' riferiment ghal dawk l-aspetti konkreti, kollegati man-natura tar-rapport singlu, il-posizzjoni tal-partijiet fl-azjenda jew stabbiliment, u mhux l-anqas, il-portata soggettiva tal-fatt innifsu, ossija c-cirkostanzi verifikati fil-motivi u l-intensita` taghhom, kompriz kull aspett iehor korrelat li jista' jincidi negattivament fuq ir-rapport;

Fil-kaz prezenti, fuq il-bazi tar-rizultanzi processwali, it-Tribunal askriva fil-komportament tal-Group General Manager, is-superjur tal-konvenut, atteggjament tali li, ghalkemm ma jinghadx espressament, kien ta' certu gravita`. Dan ma kienx okkazjonali jew semplicement kazwali izda ripetut u esternat anke di fronte ta' mpjegati ohra fil-kumpanija. In kwantu tali, fil-fehma tat-Tribunal, dan kien jirrapprezenta l-presuppost sostanzjali ta' dik il-legittimita` tar-rizenja u tat-temm tar-rapport kontrattwali;

Ri-ezaminati dawn l-istess provi istruttorji, din il-Qorti ma ssibx x' tikkritika fil-gudizzju tal-fatti maghmul mit-Tribunal. Mhux argoment validu dak dedott mis-socjeta` appellanti illi x-xhieda prodotti in sostenn ta' l-allegazzjoni ta' l-imgieba aggressiva tal-Group General Manager ma kienux affidabbli in kwantu kontradittorji. Dak li kellu jinghata l-piz debitu huwa l-fatt illi dik l-istess imgieba ma kienetx taspira ghal dik il-fiducja tant necessarja f' relazzjonijiet ta' din ix-xorta biex il-konvenut jibqa' jahdem

b' serenita`. Il-haddiem ghandu kull dritt li jigu rispettati l-gieh u d-dinjita` tieghu minn min ihaddmu; *multo magis*, imbaghad, meta dak l-istess haddiem, bhall-konvenut, ikun f' posizzjoni manegerjali fl-istruttura tal-kumpanija u jkollu r-responsabilita` ta' haddiema ohra tahtu. Dan apparti l-fatt li f' dan il-kaz ukoll s-superjur tal-konvenut kien konxju tal-qaghda medika ta' l-istess konvenut. Ara verbal tat-13 ta' Jannar 2005 a fol. 83. Huwa veru li l-konvenut irrezenja fl-okkazjoni tat-trafugament tal-mobile tieghu izda jista' jinghad, mill-kumpless tac-cirkostanzi, illi din kienet ghalih l-ahhar tibna li, skond l-espressjoni, toghtor dahar il-gemel. Minn tali riflessjoni d-decizjoni tal-konvenut li jirrizenja, u fil-mument ta' l-abbandun tieghu mill-impjieg, ma tistax tigi kritikata. Anzi, ghal kuntrarju, mizurata din l-istess decizjoni ma' l-imgieba aggressiva subita, direttament jew indirettament, bi htija ta' l-istess Group General Manager, jista' jinghad li t-tluq tal-konvenut mis-servizz kien certament u logikament altru milli mistenni. Taht dawn ic-cirkostanzi r-ragonament u l-konkluzjoni tat-Tribunal jibqghu incensurabbli, in kwantu, fil-hsieb tal-Qorti, huma nieqsa minn zbalji logici;

Kwantu ghat-tielet aggravju jinsab provvdut fil-ligi illi l-preavviz tat-tluq mill-impjieg mhux mehtieg jekk ikun hemm gusta kawza. Ara Artikolu 36 (14) ta' l-Att surreferit. Jghid x' jghid il-kuntratt dwar "*written agreement*" fi klawsola 11 dan ma jistax jipprevali fuq it-termini cari tal-ligi. Dan anke ghaliex jinsab statwit ukoll fl-Artikolu 42 ta' l-Att XXII ta' l-2002 illi kondizzjonijiet kontrattwali, ukoll dawk relattivi ghat-temm ta' impjieg, u li jkunu anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk specifikati fl-Att "ghandu ikollhom effett daqslikieku minflok dawk il-kondizzjonijiet li huma anqas favorevoli ghall-impjegat, kien hemm imdahhla l-kondizzjonijiet specifikati fi jew taht dan l-Att". L-aggravju fuq dan il-punt qed jigi ghalhekk respint ukoll.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke

ta' din l-istanza jibqghu sopportabbli mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------